**L-Età tal-Kunsens Sesswali**

**Laqgħa mal-Kumitati Permanenti tas-Saħħa, tal-Affarijiet Soċjali u tal-Familja tal-Parlament ta' Malta**

**L-Erbgħa 3 ta' Ġunju 2015**

**Dun Joseph Mizzi – Direttur ta' Kana**

1. Grazzi ħafna ta' din l-istedina.
2. Is-sess u s-sesswalità umana huma realtà sabiħa u pożittiva maħluqa minn Alla. Alla ħalaqna raġel u mara fuq xbieha tiegħu.
3. Il-bniedem mhuwiex biss *drive*/istint/*hormones* li jaqsam mad-dinja animalia iżda għandu vokazzjoni għola. Huwa maħluq biex ikun għotja, cioè don/rigal/offerta għall-ieħor. Din hi l-vera tifsira tal-imħabba, *the gift of oneself.*
4. Din l-għotja tinvolvi ħafna libertà iżda wkoll ħafna responsabiltà, għaldaqstant tajjeb li wieħed jeżamina sewwa l-motivazzjonjiet tiegħu, għax il-bniedem m'għandux ikun immexxi mill-istaġuni iżda iktar mir-raġuni.
5. Il-bniedem minn-natura tiegħu stess għandu fih din is-sejħa/vokazzjoni sponsali/matrimonjali, i.e. il-ġibda tal-qalb, li tfisser li huwa maħluq biex jgħix f'komunjoni/f'relazzjoni intima mal-ieħor/oħra.
6. Il-Knisja fl-esperjenza tagħha tagħmel distinzjoni bejn l-għerusija u ż-żwieġ. Il-kultura u s-soċjetà ta' żmienna saru pjuttost indifferenti għad-delikatezza u s-serjetà ta' dan il-passaġġ (ara Diskors tal-Papa Franġisku 27-05-2015).
7. F'dinja ideali, post is-sess huwa fiż-żwieġ, fejn hemm hekk isseħħ l-għotja sħiħa u totali tal-persuna lill-ieħor. Din l-għotja tintegra fiha l-għotja ta' moħħok, ruħek, ġismek u qalbek. L-ebda waħda minn dawn m'għandha tkun nieqsa. Hija preċiżament il-familja, il-kuntest naturali fejn fih tkun irregolata l-attività sesswali.
8. Din l-għotja sħiħa trid tkun frott l-imħabba, frott relazzjoni soda u b'saħħitha kif ukoll frott deċiżjoni matura. Din l-għotja titlob li tkun: dejjiema u mhux momentarja; li tkun totali u mhux bil-biċċiet; li tkun fidila/leali u mhux infidila; u li tkun fekonda, i.e. miftuħa għal ħajja.

Ovvjament dan irid iseħħ fid-dawl ta' kunsens bejn il-koppja kif ukoll f'atteġjament ta' responsabiltà u ġenerożità.

9. Għalhekk is-sesswalità m'għandhiex tkun mifruda mill-imħabba u ż-żwieġ; m'għandhiex tkun imfittxija biss għal pjaċir u l-gost biss. Is-sesswalità għandha dejjem tħares lejn il-persuna bħala persuna u tistmaha u tapprezzaha ta' persuna bil-kwalitajiet kollha tagħha u mhux ta' oġġett, *usa e getta*, (uża u armi).
10. Soċjetà b'saħħitha trid tieħu azzjoni billi tirregola r-relazzjoni tal-bnedmin ħalli mhux biss tiddefendi lil min jista' jisfa vittma ta' dawn l-abbużi iżda wkoll billi tiddefendi lilha nfisha mit-tħassir u mit-tmermir tagħha stess.
11. Mill-banda l-oħra nifhem li ladarba qed ngħixu f'dinja imperfetta u l-bniedem hu dak li hu, f'pajjiżna nara li waqt li l-liġi ċivili tagħti l-possibiltà li wieħed jista' jiżżewweġ mal-eta' tas-sittax (16) m'għandux ikun hemm diskrepanza jew inkonsistenza ma' parti oħra tal-liġi, li tgħid li l-età tal-kunsens sesswali hija dik ta' tmintax (18).
12. Madanakollu, nara li meta wieħed ibaxxi l-età tal-kunsens sesswali jista' jagħti lok u jista' jkun hemm il-periklu li wieħed ikun qed jinċentiva u jħajjar għal aktar attività sesswali barra ż-żwieġ. Din ċertament mhux ser iżżommha bl-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali.
13. Għaldaqstant, fid-dawl li titbaxxa l-età, l-istat, il-Knisja, l-*NGO*'s u l-korpi kollha konċernati m'għandhom qatt jieqfu mill-kampanja soda u intensiva ta' edukazzjoni u formazzjoni tal-karattru tat-tfal, l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ tagħna. M'għandna qatt nikkuntentaw lilna nfusna li qed nagħmlu biżżejjed għax qed noffru xi informazzjoni ħafif ħafif fis-suġġett tal-*Personal, Social and Career Development* (PSCD) fl-iskejjel tagħna.
14. F'soċjetà demokratika il-libertajiet għandhom jimxu *pari passu* ma' formazzjoni etika u morali sħiħa.
15. **Xi Suggerimenti**. Kwalunkwe tnaqqis fl-età kunsenswali għandu jkun akkumpanjat fost l-oħrajn minn ***awareness campaign*** fuq il-mezzi tax-xandir/*bill boards*, etc, dwar is-sens u l-valur veru tas-sesswalità, il-każijiet ta' mard infettiv, il-possibiltà ta' tqala mhux mistennija barra ż-żwieġ, xi jfisser tkun *single mother*, kif ukoll ma' responsabbiltà fil-ħajja intima u affettiva tagħhom.

16. Nissuġġerixxi wkoll li, l-bidla f'din il-liġi għandha twassal għall-żvilupp ta' ***Sexual Health Policy*** nazzjonali u ħolistika; hekk li dawn il-liġijiet joħorġu flimkien ħalli waħda tkun korraborata mill-oħra.
17. Soċjetà li tara fil-bogħod tkompli teduka/tifforma lill-bniedem f'dawn il-valuri nobbli, bħal interess ġenwin f'xulxin, il-valur ta' relazzjoni monogamika u stabbli, il-kontroll tal-emozzjonijiet (*self-control*), is-sagrifiċċju u l-maturità. Dan irid isir mhux biss fil-ħin tal-iskola iżda anke wara l-iskola obbligatorja, fost l-oħrajn mill-Kunsilli Lokali u mill-parroċċi b'***seminars/courses*** **apposta u** ***counselling*** specjalizzat għaż-żgħażagħ biex ikomplu jikbru fl-iżvilupp psiko-sesswali u psiko-soċjali tagħhom.
18. Ma' dawn irrid ngħid ukoll li, għandna **nagħtu każ aktar il-familja** in ġenerali, għax jekk insostnuhom mill-bidu dawn ser jipproduċu żgħażagħ stabbli li aktarx jagħmlu għażliet aħjar f'ħajjithom.
19. Dawn il-ħsibijiet qed ngħidhom mhux biss għax għandi l-prinċipji reliġjużi tiegħi iżda wkoll għax huma ta' fejda u ta' ġid liema bħalu għas-soċjetà kollha.
20. Grazzi ħafna tal-attenzjoni tagħkom.